# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-27 ta' Settembru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 135/2023 CL

**Frank Zahra ( KI nru 380576M)**

**VERSUS**

**Mylene Brincat Zammit Quintano (KI nru 523985M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-12 ta' April 2023 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta tigi iddikjarata debitrici ghall-nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni inkorsi mir-rikorrent tal-minuri uliedhom fis-somma ta' elf tmien mija u erba' u hamsin euro u sitta u tletin centzmu (€1854.36), u tikkundana lil-konvenuta thallas €1854.36 lir-rikorrenti bl-ispejjes.

Illi fl-avviz tat-talba l-attur jghid illi l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni kellhom zewgt iftal Raileys Zahra u Faith Zahra u wara li spiccat ir-relazzjoni il-minuri baqghu jghixu mal-attur. Illi skond sentenza deciza nhar il- 21 ta' Novembru 2022 bin-numru 59/2019 JPG il-konvenuta ghandha thallas €450 bhala manteniment li tinkludi nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni. Illi permezz ta' digriet datat 20 ta' Novembru 2018 moghti fil-medjazzjoni bin-numru 554/2018 il-konvenuta kellha thallas €200 oltre nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni.Illi minkejja dan tul is-snin 2020, 2021 u 2022 sad-data tas-sentenza, l-attur hallas l-ispejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni taz-zewg minuri wahdu. Illi sehem il-konvnuta ta' dawn l-ispejjes ammontaw ghal €1854.36 skond lista u rcevuti annessi. Illi l-attur dejjem informa lil-konvenuta permess ta' messaggi (annessi) l-ammont ta' spejjez inkorsi f'dak ix-xahar partikolari u anke jfakkarha bl-ispejjes dovuti.

Ra illi l-konvenuta giet notifikata fl-24 ta' April 2023 u fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023 dehret ir-rapprezentant legali taghha li talbet sabiex it-terminu ghar-risposta li kien ghadu ghaddej jigi estiz sabiex il-partijiet jesploraw il-possibilita' ta' tranzazzjoni. Stante li ma kienx hemm oggezzjoni t-Tribunal laqa' t-talba u estenda t-terminu sat 22 ta' Gunju 2023 f'kaz illi t-tranzazzjoni ma sehhx.

Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2023 it-Tribunal innota li l-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu li kienet inghatat izdaipprezentat nota seduta stante fejn ammetiet t-talba hekk kif dedotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lil-konvenuta thallas lill-istess attur s-somma ta' elf tmien mija u erba' u hamsin euro u sitta u tletin centzmu (€1854.36) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mit-12 ta' April 2023[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data ta' meta giet ipprezentata l-kawza